**26 ta' Frar, 1962**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

John Cachia

*versus*

Maġistrat Dr. Fortunato Mizzi, LL.D.

**Lokazzjoni — Bord tal-Kera — Domiċilju — Residenza.**

*Il-kelma "residenza" mhix kelma teknika li għandha sinifikat kostanti; u għal finijiet differenti wieħed jista' jkollu residenzi differenti fl-istess żmien, u, b'riferenza għal żmienijiet differenti matul perijodu, bniedem jista' jkollu anki diversi residenzi ordinarji.*

*Hekk, jekk bniedem residenti f'Malta jiġi nominat Maġistrat għal Għawdex, u sakemm jibqa' Maġistrat f'Għawdex hu obligat jirrisjedi permanentement hemmhekk, imma huwa jżomm id-dar ta' Malta biex jgħammar fiha meta jkollu l-"leave", u kull meta jkun jista' jiġi Malta jew ikollu jiġi Malta minħabba l-istess kariga, u bil-ħsieb li jerġa jiġi għal kollox f'dik id-dar bħal qabel meta huwa jiġi trasferit minn Għawdex għal Malta, dak il-bniedem għandu żewġ residenzi t-tnejn permanenti; u ma jistgħax is-sid tad-dar ta' Malta jitlob ir-ripreża ta' pussess ta' dik id-dar fuq is-sempliċi motiv allegat li dak il-bniedem hu domiċiljat Għawdex jew għandu r-residenza tiegħu permanenti f'dik il-Gżira. It-talba tas-sid f'dan il-każ tiġi deċiża mhux a bażi ta' dan il-motiv, imma billi jsir il-paragun tal-"hardship" rispettiv tas-sid u tal-inkwilin.*

Il-Qorti:— Rat it-talba tar-rikorrent quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera biex jiġi awtorizzat jirriprendi pussess tal-fond numru 55 St. Pius V street Sliema, billi għandu bżonnu għalieh, fil-waqt li l-intimat qiegħed domiċiljat Għawdex u l-post ma hux okkupat;

Rat is-sentenza ta' dak il-Bord tal-5 ta' Diċembru 1961,

li biha laqa' t-talba u ta xahrejn żmien lill-intimat biex jiżgombra; bl-ispejjeż kontra tiegħu; wara li kkunsidra;

Illi mill-provi rriżulta li r-rikorrent ħa b'ċens il-post in kwistjoni minn għand missier il-mara tiegħu, u jridu biex imur joqgħod fih bil-mara u żewġt itfal ta' tliet snin u sentejn. Fejn joqgħod għandu ċ-ċokon, għaliex għandu biss żewġ kmamar, u oħra li ma jużahiex għax mudlama, u hemm kamra oħra mill-ewwel kif tidħol;

*L-intimat ġie nominat Maġistrat* f'Diċembru 1959, bħala Maġistrat tal-Gżira ta' Għawdex u Kemmuna, bil-kondizzjoni li jirrisjedi permanentement Għawdex. Bħala Maġistrat ta' Għawdex jista' jiġi nominat, kif fil-fatt ġie nominat, biex jaġixxi ta' Maġistrat ta' Malta, u allura, skond l-art. 2 tal-ittra tal-"appointment", huwa ma jkollu dritt għal ebda rinumerazzjoni separata ħlief ir-rifużjoni tal-"travelling expenses" fil-bidu u fl-aħħar tal-"appointment";

*Meta l-intimat ma rnexxielux jikri f'Għawdex, irrikorra* għand il-Housing Secretary. Ġiet rekwiżizzjonata dar għalieh, li fil-fatt però ma ġietx allokata lilu; u allura ġie mogħti lilu l-flat li hemm mal-Posta ta' Għawdex, u li normalment iservi bħala residenza tal-Post Master ta' Għawdex. Billi l-Post Master attwali huwa minn Għawdex, il-flat ma kienx okkupat, u ġie mogħti b'kera lill-intimat, bil-kondizzjoni li jivvakaħ appena jkollu bżonnu d-Dipartiment tal-Posta. L-intimat għandu l-mara u t-tfal, u mar joqgħod fil-flat tal-Posta, u d-dar tiegħu tas-Sliema ġiet *rekwiżizzjonata; però saret "derequisition" fuq talba* tal-intimat, u d-dar baqgħet f'idejgħ;

Mix-xhieda tal-intimat irriżulta li hu jiġi Malta kull meta jkun bil-"leave" li huwa ta' "36 working days", u anki fi żmien il-ferji, jekk it-tfal tiegħu jkollhom il-vakanzi tal-iskola; jiġi dejjiem fil-Milied u fil-Għid għal xi ħmistax il-ġurnata, u jiġi wkoll f'xi ċirkustanzi oħra għal xi ġranet jew tnejn jew tlieta, u jkollu l-mara u anki t-tfal. Fil-post *għad hemm l-għamara*; għaliex, għalkemm ħa l-kamra tas-sodda Għawdex, però bagħat sodda aħjar, u xtara mobbli

ta'-kamra tal-pranzu, tal-kċina u tas-salott għal Għawdex. Fil-kors ordinarju għandu jiġi għal kollox Malta, fit-tieni vakanza tal-Maġistrati ta' Malta;

L-intimat isostni illi l-fond "de quo" huwa r-residenza prinċipali u d domiċilju tiegħu, għaliex qiegħed Għawdex temporaneament, u l-każ tiegħu għandu jiġi ekwiparat għall-emigrant, jew ta' min ikun rikoverat l-isptar, jew akkomodat għal xi żmien minn xi membri tal-familja tiegħu;

Il-Bord ma jistgħax jaqbel ma' dan ir-raġunament. L-intimat qiegħed jirrisjedi Għawdex mhux temporaneament, imma permanentement, sija għaliex obligat jagħmel hekk skond l-ittra tal-"appointment" tiegħu, u anki bħala fatt, għaliex ħa l-mara u t-tfal tiegħu li jattendu l-iskola Għawdex għaliex, kif qal hu stess, iġibhom Malta miegħu meta jkollhom il-vakanzi. Id-dar ta' Malta qegħdha sservieh biss għal meta jiġi xi ġranet, jew anki perijodi twal ta' ħmistax il-ġurnata għall-okkażjoni tal-Milied u tal-Għid, jew għall-"leave" tiegħu ta' 36 ġurnata; imma dan ma jagħmelx id-dar ta' Malta bħala r-residenza abitwali tiegħu. Ma rriżultax illi t-traslok tiegħu għal Malta huwa xi ħaġa imminenti, għaliex għal-l-kuntrarju, irid ikun hemm żewġ vakanzi tal-Maġistratura hawn Malta, u wieħed ma għandux jieħu in konsiderazzjoni dak li jista' jiġri. Il-fatt illi huwa qiegħed f'lokal tal-Gvern fejn jista' jiġi lilu ordnat li joħroġ minnu a sempliċi rikjesta ma hux biżżejjed. Huwa tant iħoss ruħu akkomodat tajjeb, illi, non ostante din il-kondizzjoni, kif xehed, la fittex band'oħra fejn imur joqgħod, u lanqas bi ħsiebu jfittex;

Il-ġurisprudenza ċitata mill-intimat ma hix applikabbli għall-każ; għaliex si trattava jew ta' min kien ġa qiegħed f'xi dar ta' ħadd ieħor bla titolu, jew b'titolu prekarju, jew każ ta' emigranti li kellhom nieshom għadhom fil-post, jew fejn kien irriżulta li si trattava ta' assenza verament temporanea, jew ta' min kien rikoverat f'xi sptar, u li naturalment kellu kwalunkwe dritt li jkollu fejn jerġa jmur meta jiġi liċenzjat, jew każi fejn ir-rikorrent ma riedx il-post għall-użu tiegħu. Fil-każ tal-intimat, però, il-vera dar tiegħu hi dik ta' Għawdex, u huwa obligat joqgħod Għaw-

dex. Divers kien ikun il-każ kieku huwa kellu l-familja tiegħu hawn Malta u mar waħdu Għawdex;

Dan mhuwiex is-soltu każ ta' min jieħu post ta' ħadd ieħor b'ċens biex jista' jimmiljora l-pożizzjoni tiegħu a dannu tal-inkwilin. F'dan il-każ seta' s-sid stess jimxi kontra l-intimat, ladarba l-post huwa rikjest għal bintu; u lanqas ma kellu bżonn jagħtieh b'ċens. Il-Bord jara illi bejn is-sid li jrid il-post għall-użu tiegħu meta qiegħed jgħix ġo dar żgħira u mhux adattat għall-familja tiegħu, li tikkomprendi wkoll iż-żewġt itfal żgħar, u bejn inkwilin li qiegħed iżomm id-dar biss biex joqgħod fiha jew meta jiġi Malta, jew perijodu bil-"leave", jew meta għal xi żmien qasir jiġi jaġixxi bħala Maġistrat Malta, il-"hardship" ikun akbar għas-sid kieku t-talba tiegħu kellha tiġi miċħuda;

Rat ir-rikors li bih il-Maġistrat Dottor Mizzi appella minn dik is-sentenza, u talab li tiġi revokata, billi tiġi miċħuda t-talba tal-appellat; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-fatti huma kif riportati fl-ewwel parti tas-sentenza appellata. L-appellant twieled u għex għomru kollu Malta; iżda mill-aħħar tal-1959 jew il-bidu tal-1960, wara li hu ġie maħtur Maġistrat għal Għawdex u Kemmuna, hu qiegħed joqgħod Għawdex, fejn għandu wkoll miegħu 'l martu u 'l uliedu. B'dan kollu, hu żamm id-dar ta' Malta, u, kif jidher mill-provi, ma jarax il-mument li jerġa jkun jista' jiġi Malta għal kollox;

L-appellat akkwista l-fond in kwistjoni b'ċens għal żbatax il-sena minn għand missier il-mara tiegħu, bil-ħsieb li jitlob pussess tiegħu biex imur joqgħod fih hu bil-familja, ftit qabel jew wara li l-appellant sar Maġistrat kif intqal fuq. Il-fond attwalment okkupat mill-appellat hu wkoll ta' missier martu. Fuq dawn l-aħħar żewġ fatti, li dwarhom hemm komment fl-aħħar parti tas-sentenza tal-Bord, jingħad xi ħaġa aktar il-quddiem;

L-appellat ibbaża t-talba tiegħu quddiem il-Bord fuq ir-raġuni li hu għandu bżonn il-fond għalieh, mentri l-appellant huwa "domiċiljat Għawdex" u l-post jinsab "diżokkupat" (fol. 1);

Il-Bord laqa' t-talba sostanzjalment għaliex irritjena illi l-appellant "jirrisjedi Għawdex mhux temporaneament iżda permanentement", anzi "għaliex hekk obligat bl-ittra tal-"appointment" tiegħu", u d-dar ta' Malta mhix ir-residenza abitwali tiegħu";

Fil-fehma tal-Qorti din mhijiex verament il-bażi li fuqha legalment messha tiġi maqtugħa l-kawża. Meta l-kwistjoni tkun verament u sempliċement fejn bniedem hu "resident", aktarx illi d-deċiżjoni tagħha tkun deċiżjoni ta' fatt, li per sè ma tagħtix lok għall-appell. Iżda, kif ser jingħad din mhix il-vera kwistjoni f'din il-kawża. Il-kelma "residenza" mhix kelma teknika li għandha sinifikat kostanti. F'xi sistemi ta' liġijiet dik il-kelma hi definita għal finijiet ġenerali. Xi drabi wkoll l-istess kelma tkun definita għall-finijiet tal-istess liġi. Meta l-kelma mhix definita, is-sinifikat tagħha jista' jvarja skond il-kontest partikulari u l-iskop tal-użu tagħha f'dak il-kontest. Hu għalhekk illi, għal finijiet differenti, wieħed jista' jkollu "residenzi" differenti fl-istess żmien, u, b'riferenza għal żmienijiet differenti matul perijodu bniedem jista' jkollu anki diversi "residenzi ordinarji";

Dan jidher li kien rikonoxxut sa minn żmien id-Dritt Ruman. "Secondo il Diritto Romano si poteva avere il domicilio (fis-sens ta' "dimora" jew "residenza") in due luoghi distinti, purchè vi si possedesse parte della propria fortuna, e non constasse di una contraria volontà" (Coen. Domicilio, § 4);

Anki fl-Ingilterra ntqal:— "It is no uncommon thing for a gentleman to have two permanent residences at the same time, in either of which he may establish his abode at any period and for any length of time" (A.G. v. Coote (1817) 4 Price. 183). Fil-kawża "Pittar v. Richardson" (1917) W.N. 255, intqal, għar-rigward ta' litigant:— "It may well be that a man is ordinarily resident in Great Bri-

tain and is at the same time ordinarily resident in the Dominions abroad". F'kawża oħra (Levene v. I.R.C. (1928) A.C. 217) ġie osservat, bħala eżempju, illi "a member of the House may well be said to be ordinarily resident in London during the parliamentary session and in the country during the recess";

Anki fil-ġurisprudenza tagħna, il-kelma "residenza" jew "domiċilju" (mhux fis-sens ta' domiċilju bejn pajjiż u ieħor iżda fis-sens aktarx ta' "residenza abitwali"), ġew mogħtija sinifikati speċjali skond il-kontest u l-iskop partikulari tal-liġi. Fil-kawża riportata fil-Volum XXVIII-I-233, il-kliem "post fejn joqgħod il-kreditur", jew "residenza tal-kreditur", għall-finijiet ta' fejn għandu jsir il-ħlas ta' somma ta' flus (art. 1202 Kod. Ċiv.), ġew mogħtija s-sinifikat tad-dar tal-villeġġjatura a preferenza tad-dar permanenti tal-kreditur, meta l-ħlas kellu jsir fis-sajf;

Ċertament, għal ċerti fini l-appellant jista' jingħad li hu residenti Għawdex. Għall-finijiet tal-uffiċċju tiegħu, per eżempju, hu obligat li "jirrisjedi permanentement" hemmhekk. Trattandosi li tiddefinixxi fejn bniedem hu "residenti", meta fuq dan tiddependi s-soluzzjoni tal-kwistjoni, jista' jittieħed kaž biss tal-fatt materjali fejn ikun joqgħod *fiż-żmien rilevanti, indipendentement mill-intenzjoni tiegħu* jekk jibqgħax għal kollox hemm jew le. Hekk, per eżempju, fil-kawża "Debono vs. Tabone Adami" 31. 7. 1942 (Vol. XXXI-I-722), ġie ritenut illi, għall-finijiet tal-kompetenza "ratione territorii" bejn il-Qrati ta' dawn il-Gżejjer, nies li minħabba ċ-ċirkustanzi tal-gwerra marru joqgħodu Għawdex kienu "residenti" hemm;

Iżda, kif ġa ntqal, f'din il-kawża preżenti l-kwistjoni mhix li jiġi definit fejn hu "residenti" jew "ordinarjament residenti" l-appellant għal xi finijiet partikulari. Din hi kawża taħt l-art. 10 tal-Kapitolu 109, u la f'dak l-artikolu u lanqas f'ebda parti oħra ta' dik il-liġi ma hemm użati dawk il-kliem, b'mod *li bilfors biex tiġi maqtugħa* l-kwistjoni, hemm bżonn li jiġu nterpretati u definiti. Kieku però kien jeħtieġ li tingħata xi definizzjoni għall-finijiet ta' din il-kawża, din il-Qorti ma kienetx teżita li tgħid illi l-appellant għandu żewġ residenzi, waħda Għawdex u l-oħra

Malta. Jekk dik ta' Għawdex hi "permanenti" fis-sens tal-kondizzjoni mposta fil-"letter of appointment" tiegħu, bħala Maġistrat għal Għawdex, ċjoè fis-sens illi matul il-kariga tiegħu hu jrid joqgħod Għawdex biex jista' jaqdi sewwa d-dmirijiet ta' dik il-kariga, dik ta' Malta hi permanenti f'sens aktar veru letteralment u psikoloġikament, in kwantu kienet minn qabel ir-residenza tiegħu, inżammet issa biex fiha joqgħod kull meta jiġi Malta bil-familja, anki għal perijodi twal regolarment, u bi ħsiebu jirritorna fiha għal kollox hekk kif ikollu l-opportunità;

Żgur illi d-dar ta' Malta hi "dwelling house". Meta l-appellant mar Għawdex bħala Maġistrat id-dar baqgħet bl-għamara tiegħu, b'xi sostituzzjoni ta' għamara f'lok oħra. Fiha baqa' jgħammar kull meta jiġi Malta. Issa, l-unika kwistjoni rilevanti hi din. Biex l-appellat jista' ma jġeddidx il-kera lill-appellant, fuq ir-raġuni li jeħtieġ il-fond għalieh innifsu, normalment jeħtieġ jidher illi hemm "available" għall-appellant "suitable alternative accomodation". Jekk dan ma hux il-każ, allura jeħtieġ jidher illi l-"hardship" tal-appellat, jekk it-talba tiegħu tiġi miċħuda, ikun akbar minn dak li jbati l-appellant jekk din it-talba tiġi milqugħa;

Valjat il-"hardship" rispettiv skond il-kriterji legali ġusti kif fuq intqal, din il-Qorti hi ta' fehma illi t-talba tal-appellat ma tistgħax tiġi milqugħa;

L-appellat il-lum jinsab akkomodat ġo dar fejn hu igħid li għandu ċ-ċokon għax għandu żewġ kmamar u kamra oħra li ma jużahiex għax mudlama. Hlief mix-xhieda tal-appellat, il-konsistenza ta' dan il-fond ma tirriżultax, billi ma sar ebda eżami tal-fondi mill-membri tekniċi tal-Bord. Però, mill-istess xhieda jirriżulta illi l-kamra "mudlama", anki sa meta bdiet il-kwistjoni bejn il-partijiet, kienet għadha wżata bħala kamra tas-sodda. Fl-ewwel xhieda tiegħu l-appellat kien qal illi kien ilu ma juża dik il-kamra "xi sentejn" (fol. 8-9), iżda wara li xehed l-appellant u qal illi, meta wara li missier il-mara tal-appellat kien irrifjuta li jirċievi l-kera hu mar fid-dar tal-appellat u ra li dik il-kamra kienet qegħdha tiġi wżata għall-irqad mill-appellat u martu u ż-żewġt itfal (fol. 20 tergo), l-appellat reġa xehed.

u allura qal illi f'dik il-kamra għandu l-għamara tal-kamra tas-sodda u tal-pranzu, u ma jagħmelx użu minnha ħlief li kultant jorqod, jew għal xi bżonn kull meta jkollu t-tfal morda. Fil-kontro-eżami, però, ammetta illi meta l-appellant kien mar jara d-dar huma kienu għadhom jorqdu f'd' il-kamra;

Ħlief dan l-inkonvenjent tad-"dlam" ta' dik il-kamra, ma jidherx mill-proċess li ġie pruvat, anzi anqas allegat, ebda element ieħor ta' "hardship". Iż-żewġt itfal tal-appellat għadhom żgħar ħafna, ta' sentejn u nofs u sentejn;

Issa, anki jekk jingħad illi l-appellat fejn qiegħed joqgħod għandu xi ftit ċokon, il-"hardship" tiegħu ma jipparagunax ma' dak tal-appellant jekk jitlef għal kollox id-dar in kwistjoni. Għalkemm hu obligat li joqgħod Għawdex għall-bżonnijiet tal-uffiċċju tiegħu, hu manifest illi hu għandu bżonn li jkollu x'imkien fejn joqgħod Malta. Il-kondizzjonijiet tal-uffiċċju ma jobligawhx ukoll li jibqa' Għawdex fil-vakanzi jew meta jkun bil-"leave", jew kull meta jsib li jista' jew għandu bżonn jiġi Malta. Dan il-bżonn ta' dar Malta, li l-appellant u l-familja tiegħu, apparti mill-eżiġenzi tax-xogħol tiegħu, jikkunsidraw mhux bla raġuni, bħala l-vera dar tagħhom, mhux bżonn sporadiku jew straordinarju, iżda bżonn regolarment rikorrenti u formanti parti mill-kors ordinarju u abitwali ta' ħajjithom. L-appellant xehed illi, kemm ilu Għawdex, hu dejjem ġie mal-familja u għammar fid-dar in kwistjoni fl-epoka tal-Milied u tal-Għid għal xi ħmistax il-ġurnata, u kull sena fil-"leave" kollu tiegħu ta' xi 42 ġurnata, barra okkażjonijiet oħra ta' xi ġurnata, jumejn jew tlieta. Jiġri wkoll illi l-appellant jiġi mġiegħel li jaġixxi ta' Maġistrat għal Malta. Ikun "hardship" wisq kbir għall-appellant kieku kellu jkun kostrett, hu u l-familja tiegħu, jew li ma jiġu qatt Malta f'dawk il-perijodi, jew li jkunu kostretti li jgħixu, per eżempju, f'lukanda, jew "ad ogni modo", mhux f'dar tagħhom;

Anki l-fatt illi Għawdex l-appellant qiegħed joqgħod f'lokal tal-Gvern, mnejn jista' fi kwalunkwe żmien jiġi ordnat li joħroġ, għandu l-importanza tiegħu. Jirriżulta li l-appellant, qabel, kien fittex post ieħor biex jikri Għawdex.

iżda ma ħiex xxielux. Ma jidherx li hi għal kollox raġunata l-osservazzjoni magħmula fis-sentenza appellata illi l-appellant "tant iħossu akkomodat tajjeb illi, non ostante dik il-kondizzjoni (ċjoè li l-Gvern jista' meta jrid jeħodlu l-post) hu la fittex band'oħra u lanqas bi ħsiebu jfittex". L-appellant jaf illi Għawdex mhux qiegħed għal dejjem. Jista' ż-żmien li għandu jibqa' hemm ikun aktarx twil. Sakemm hu moqdi bil-lokal fejn qiegħed, hu mhux preokkupat. Jekk il-Gvern jeħodlu l-post, preżumibbilment l-istess Gvern, minħabba l-kariga tiegħu, jgħinu biex isib jew jipprovdilu post ieħor kif ipprovdielu dan. F'pessima ipotesi, l-appellant jaf li, almenu għall-familja tiegħu, sakemm jinsab post ieħor, dejjem hemm id-dar ta' Malta. Iżda jekk hu jitlef id-dar ta' Malta, hu ma jistgħax jistenna mill-Gvern għajnuna biex isib oħra f'lokha, u l-pożizzjoni li jsib ruħu fiha f'dawk iċ-ċirkustanzi tkun għalieh wisq imbarazzanti;

Fl-aħħar parti tas-sentenza appellata jingħad:— "Dan mhuwiex is-solitu każ ta' min jieħu post ta' xi ħadd ieħor b'ċens biex jista' jimmiljora l-pożizzjoni tiegħu a dannu tal-inkwilin". Bir-rispett kollu, il-Qorti ma tapprezzax id-differenza. L-appellat ħa l-fond in kwistjoni b'ċens għal żbatax il-sena bil-ħsieb preċiż li jiżgombra lill-appellant, hekk kif dan ġie maħtur Maġistrat. Talvolta l-konċessjoni b'ċens kienet ġenwina. Iżda dan ma jneħħix illi l-appellat ħa dik il-konċessjoni (skond il-moda) biex jimmiljora l-pożizzjoni tiegħu a dannu tal-appellant;

Il-Qorti lanqas ma taqbel mal-osservazzjoni tal-Bord illi f'dan il-każ "setà s-sid stess jimxi kontra l-intimat, ladarba l-post huwa rikjest għal bintu, u lanqas kellu bżonn jagħtieh ċens". Kieku l-każ ġara hekk seta' jkun hemm konsiderazzjonijiet oħra, rigward, per eżempju, tal-offerta ta' "alternative accomodation", u forsi ta' ċirkustanzi oħrajn, li peress li ma humiex fil-kawża ma jistgħux jiġu kkunsidrati;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti jidhrilha illi l-appell jistħoqqlu li jiġi milqugħ;

Għalhekk tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u tiċħad it-talba tal-appellat; bl-ispejjeż kontra tiegħu.